31986L0362

7.8.1986 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 221/37

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
## ta' l-24 ta' Lulju 1986
## dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali

(86/362/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-produzzjoni ta' l-uċuh tar-raba' għandha rwol importanti ħafna fil-Komunità;

Billi l-ħsada minn din il-produzzjoni hija kontinwament milquta minn organiżmi ta' ħsara u mill-ħaxix ħażin;

Billi huwa assolutament essenzjali illi l-pjanti u l-prodotti mill-pjanti jiġu protetti kontra dawn l-organiżmi, mhux biss biex jiġu evitati t-tnaqqis fil-ħsad jew il-ħsara lill-prodotti maħsuda iżda wkoll sabiex tiżdied il-produttività agrikola;

Billi wieħed mill-metodi l-iktar importanti tal-protezzjoni tal-pjanti u tal-prodotti mill-pjanti mill-effett ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara huwa l-użu tal-pestiċidi kimiċi;

Billi, madankollu, dawn il-pestiċidi ma għandhomx effett favorevoli fuq il-produzzjoni tal-pjanti, billi huma ġeneralment sustanzi tossiċi jew tħejjijiet b'effetti sekondarji perikolużi;

Billi numru kbir minn dawn il-pestiċidi u l-metaboliti tagħhom jew ta' prodotti li jirriżultaw mill-bdil ta' l-istrutturi kimiċi tagħhom jista' jkollhom effetti ta' ħsara fuq il-konsumaturi tal-prodotti mill-pjanti;

Billi dawn il-pestiċidi u l-kontaminanti li jistgħu jakkumpanjawhom jippreżentaw perikli għall-ambjent;

Billi, sabiex jieħdu ħsieb dawn il-perikli, uħud mill-Istati Membri diġà ffissaw il-livelli massimi għal ċerti fdalijiet ġewwa u fuq iċ-ċereali;

Billi d-differenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri rigward il-livelli massimi permissibbli għall-fdalijiet tal-pestiċidi jistgħu jgħinu għalbiex joħolqu ostakoli lill-kummerċ u għalhekk ifixklu l-moviment liberu ta' l-oġġetti ġewwa l-Komunità;

Billi, għal din ir-raġuni, fi stadju tal-bidu, għandhom jiġu ffissati l-livelli massimi għal ċerti sustanzi attivi fiċ-ċereali, li jridu jiġu osservati meta dawn il-prodotti jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni;

Billi, barra minn dan, l-osservanza tal-livelli massimi trid tiżgura illi ċ-ċereali jistgħu jiċċirkolaw b'mod liberu u li s-saħħa tal-konsumaturi tkun protetta kif xieraq;

Billi fl-istess waqt l-Istati Membri għandhom jingħataw il-poter li jawtorizzaw il-kontroll tal-livelli tal-fdaljiet tal-pestiċidi fiċ-ċereali prodotti u kkunsmati fit-territorju tagħhom b'sistema ta' sorveljanza u miżuri relatati sabiex jiġu pprovduti salvagwardji li huma ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mil-livelli stabbiliti;

([1]) ĠU C 56, tas-6.3.1980, p. 14.
([2]) ĠU C 28, tad-9.2.1981, p. 64.
([3]) ĠU C 300, tat-18.11.1980, p. 29.

Billi, f'każijiet speċjali, b'mod partikolari ta' likwidu volatili jew fumiganti tal-gass, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati li jħallu liċ-ċereali, mhux maħsuba għall-konsum minnufih, ikollhom livelli massimi iktar għolja minn dawk stabbiliti, sakemm isir kontroll xieraq għalbiex jiġi żgurat illi dawn il-prodotti ma jitqiegħdux għad-disposizzjoni ta' l-utent jew tal-konsumatur ta' l-aħħar sakemm il-kontenut tal-fdalijiet tagħhom jibqa' jaqbeż il-livelli massimi permissibbli;

Billi mhux meħtieġ illi din id-Direttiva tiġi applikata għal prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti oħra għajr l-oġġetti ta' l-ikel jew għaż-żrigħ;

Billi l-Istati Membri għandhom jitħallew inaqqsu b'mod temporanju l-livelli stabbiliti jekk dawn jinstabu b'mod mhux mistenni illi huma perikolużi għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali;

Billi huwa xieraq li f'dan il-każ tiġi stabbilita koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġewwa l-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti;

Billi, sabiex tiġi ggarantita l-konformità ma' din id-Direttiva meta l-prodotti fil-kwistjoni jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri xierqa ta' kontroll;

Billi għandhom jiġu stabbiliti metodi Komunitarji għat-teħid tal-kampjuni u għall-analiżi sabiex jiġu użati għall-inqas bħala metodi ta' referenza;

Billi l-metodi tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi huma materji tekniċi u xjentifiċi, li għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċedura li tinvolvi l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġewwa l-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti;

Billi huwa xieraq illi l-Istati Membri jagħmlu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-miżuri tagħhom tal-kontroll sabiex jgħinu li jinġabar it-tagħrif dwar il-livelli tal-fdalijiet mill-pestiċidi għall-Komunità ġenerali;

Billi l-Kunsill għandu jirrevedi din id-Direttiva qabel it-30 ta' Ġunju 1991 bl-iskop li jikseb sistema uniformi Komunitarja,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva għandha tapplika, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 74/63/KEE tas-17 ta' Diċembru 1973 dwar l-iffissar tal-livelli massimi permessi għal sustanzi u prodotti mhux mixtieqa fl-għalf tal-bhejjem [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/354/KEE [2] għaċ-ċereali elenkati fl-Anness I, safejn u sakemm dawn il-prodotti jista' jkollhom fihom fdaljiet tal-pestiċidi elenkati fl-Anness II.

*Artikolu 2*

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'fdaljiet tal-pesticidi' ifissru l-fdaljiet tal-pestiċidi u tal-metaboliti tagħhom, u l-prodotti li jirriżultaw mill-użu tal-bdil kliniku tagħhom jew il-prodotti ta' reazzjoni elenkati fl-Anness II, li jkunu preżenti ġewwa jew fuq il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, 'jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni' tfisser kull kunsinja, sewwa jekk bi ħlas u sewwa jekk le, tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, ma jippreżentawx periklu għas-saħħa tal-bniedem minn meta jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni, bħala riżultat tal-preżenza ta' fdaljiet tal-pestiċidi.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu jew ifixklu l-ħru fiċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 minħabba li jkun għad fihom fdaljiet tal-pestiċidi, jekk il-kwantità ta' dawn il-fdaljiet ma tkunx iżjed mil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu illi l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, ma jistax ikun fihom, minn meta jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni, livelli tal-fdaljiet tal-pestiċidi ikbar minn dawk stabbiliti fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw, għall-inqas b'kampjunar tal-kontroll, il-konformità mal-livelli massimi stabbiliti skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 5*

1. Fil-każ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, għajr dawk importati minn pajjiżi terzi jew maħsuba għal Stati Membri oħra, l-Istati Membri jistgħu, bħala deroga mill-Artikolu 4, jissoktaw japplikaw is-sistema ta' monitorjar diġà fis-seħħ fit-territorju tagħhom għall-preżenza tal-fdaljiet tal-pestiċidi flimkien ma' kull miżura oħra sabiex jiġi żgurat illi jinkiseb effett ekwivalenti għal-livelli tal-fdaljiet tal-pestiċidi stabbiliti fl-Anness II, u għalbiex tiġi stmata l-espożizzjoni totali ta' dawn il-fdaljiet fl-ikel mill-popolazzjoni tagħhom, ikun x'ikun is-sors tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu stħarriġ regolari u rappreżentattiv tal-livelli ta' dawn il-fdaljiet tal-pestiċidi f'ikel tipiku.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

[1] ĠU L 38, tal-11.2.1974, p. 31.
[2] ĠU L 212, tat-2.8.1986, p. 27.

*Artikolu 6*

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-preżenza ġewwa u fuq il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 dwar il-fdaljiet tal-pestiċidi elenkati fil-Parti B ta' l-Anness II fi kwantitajiet ikbar minn dawk stabbiliti fih, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux maħsuba għal konsum minnufih u sakemm sistema xierqa ta' kontroll tiżgura illi ma jkunux jistgħu jkunu disponibbli għall-utent jew għall-konsumatur ta' l-aħħar, jekk ikunu forniti direttament lil dawn ta' l-aħħar, sakemm il-fdaljiet ma jibqgħux jaqbżu l-livelli massimi stabbiliti fil-Parti B. Għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda. Dawn il-miżuri għandhom japplikaw għall-prodotti kollha koperti b'dan, irrispettivament mill-oriġini tal-prodotti.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu rapport lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Awissu ta' kull sena dwar ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali, il-monitorjar imwettaq u l-miżuri l-oħra meħuda skond l-Artikolu 4 u, meta approprjat, l-Artikolu 5, matul is-sena ta' qabel.

*Artikolu 8*

1. Il-metodi tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli, tal-monitorjar u tal-miżuri l-oħra pprovduti fl-Artikolu 4 u, fejn xieraq, l-Artikolu 5, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12. L-eżistenza ta' metodi Komunitarji ta' analiżi, li jridu jiġu użati f'każijiet ta' kontroversja, ma għandhomx jippermettu l-użu mill-Istati Membri ta' metodi oħra xjentifikament validi li jistgħu jiksbu riżultati komparabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-metodi l-oħra użati skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 9*

1. Meta Stat Membru jikkonsidra illi livell massimu stabbilit fl-Anness II iqiegħed fil-periklu s-saħħa tal-bniedem, u għalhekk jeħtieġ li tittieħed azzjoni minnufih, dan l-Istat Membru jista' jnaqqas b'mod temporanju l-livell fit-territorju tiegħu stess. F'dan il-każ, għandu javża minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri, filwaqt li jehmeż dikjarazzjoni tar-raġunijiet għalihom.

2. Jekk tinqala' s-sitwazzjoni prevista fil-paragrafu 1, għandha tiġi deċiża skond il-proċedura stabbilita fil-Artikolu 13 jekk għandhomx jiġu mibdula l-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II. Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija hawn fuq, l-Istat Membru jista' jibqa' jżomm il-miżuri li jkun implimenta.

*Artikolu 10*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, għandhom jiġu adottati emendi għall-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II bħala riżultat ta' l-żviluppi fl-għerf xjentifiku jew tekniku mill-Kunsill filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 11*

Il-Kunsill, huwa u jaġixxi bl-unanimità fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta, permezz ta' Direttivi, kull lista ġdida ta' prodotti jew kull lista ġdida ta' fdaljiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, u l-valuri massimi tagħhom.

*Artikolu 12*

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu trid tiġi segwita, il-materja għandha tintbagħat mingħajr dewmien quddiem il-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat', mill-President tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba ta' Stat Membru.

2. Fil-Kumitat, il-voti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu ppeżati kif ipprovdut fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President m' għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri fil-limitu taż-żmien iffissat mill-President, wara li jikkonsidra l-urġenza tal-materji li jridu jiġu eżaminati. L-opinjonijiet għandhom jingħataw b'maġġoranza ta' 54 vot.

4. Meta l-miżuri jkunu skond l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tadottahom u għandha timplimentahom minnufih. Meta l-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk ma tingħata l-ebda opnjoni, il-Kummissjoni għandha minnufih tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha l-materja kienet imsemmija lilu, il-Kunsill ma jadotta l-ebda miżura, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti barra meta l-Kunsill ikun ivvota b'maġġoranza sempliċi kontra l-miżuri msemmija.

*Artikolu 13*

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu trid tiġi segwita, il-materja għandha tiġi msemmija mingħajr dewmien lill-Kumitat mill-President tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba ta' Stat Membru.

2. Fil-Kumitat, il-voti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu ppeżati kif ipprovdut fl-Artikolu 148 (2) tat-Trattat. Il-resident ma għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri fi żmien jumejn. L-opinjonijiet għandhom jingħataw b'maġġoranza ta' 54 vot.

4. Meta l-miżuri jkunu skond l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tadottahom u għandha timplimentahom minnufih. Meta ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha minnufih tissottometti lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, fi żmien ħmistax-il jum mid-data li fiha l-materja tkun ġiet imsemmija lilu, il-Kunsill ma jadotta l-ebda miżura, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti għajr meta l-Kunsill jivvota b'maġġoranza sempliċi kontra l-miżuri msemmija.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 meta jista' jiġi stabbilit għall-inqas b'evidenza xierqa illi huma maħsuba għal:

(a) l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

(b) għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti oħra barra oġġetti ta' l-ikel;

(ċ) għaż-żrigħ.

*Artikolu 15*

Sabiex itejjeb is-sistema Komunitarja mdaħħla b'din id-Direttiva, il-Kunsill, fuq il-bażi ta' rapport tal-Kummissjoni akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti addattati, għandu jerġa' jeżamina din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1991.

*Artikolu 16*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1988 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju1986.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. CLARK

## ANNESS I

| Intestatura CCT Nru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| *ex* 10.01 | Qamħ |
| 10.02 | Segala |
| 10.03 | Xgħir |
| 10.04 | Ħafur |
| *ex* 10.05 | Qamħirrum |
| *ex* 10.06 | Ross fil-ħliefa |
| *ex* 10.07 | Qamħ Saraċin, dekkuk, qamħ, sorgu, tritikale u ċereali oħra |

## ANNESS II

### PARTI A

| Fdaljiet tal-pestiċidi | | Livelli massimi f'mg/kg (*ppm*) |
|---|---|---|
| 1. aldrin | Ħ waħdu jew imħallat, espress bħala dieldrin(*HEOD* | |
| 2. dieldrin (*HEOD*) | | 0,01 |
| 3. Bromur totali inoganiku, espress f'ioni *Br* | | 50 |
| 4. karabil | | 1: Ross<br>0,5: ċereali oħra |
| 5. klordane (is-somma taċ-ċis-isomeri u trans-isomeri) | | 0,02 |
| 6. DDT DDT TDB DDE DDT | | 0,05 |
| 7. diazinon | | 0,05 |
| 8. 1,2-dibrometanu (dibromide tal-etilene) | | 0,01 ([1]) |
| 9. diklorvos | | 2 |
| 10. endosulfan (is-somma ta' alfa-isomeri u beta-isomeri u tas-sulfat endosulfan, espress bħala endosulfan) | | 0,2: qamħirrum<br>0,1: ċereali oħra |
| 11. endrin | | 0,01 |
| 12. ettaklor (is-somma ta' l-ettaklor u l-epossidu ta' l-ettaklor, espress bħala ettaklor) | | 0,01 |
| 13. essaklorobenżin (*EKB*) | | 0,01 |
| 14. eżaklorokloeżanan () | | |
| 14.1. 1isomeru-alfa Ħ | Ħ somma | |
| 14.2. isomeru-beta Ħ | | 0,02 |
| 14.3. isomeru-gamma (lindane) | | 0,1 ([2]) |
| 15. malatjon (somma ta' malatjon u malaosson, espress bħala malatjon) | | 8 |
| 16. fosfamidon | | 0,05 |
| 17. piretrini (somma ta' piretrini I u II, ċinerini I u II, ġasmolini I u II) | | 3 |
| 18. trikolorfon | | 0,1 |

([1]) Matul perjodu transitorju taż-żmien li jiskadi mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1991, l-Istati Membri li l-awtoritajiet tagħhom ta' kontroll sa issa ma jistgħux jistabbilixxu l-fdaljiet fil-livell iffissat ta' 0,01 mg/kg f'manjiera ta' rutina jistgħu jużaw metodi b'limiti stabbiliti li ma jaqbżux iż-0,05 mg/kg.

([2]) Mill-1 ta' Jannar 1990.

PARTI B

| Fdaljiet tal-pestiċidi | Livelli massimi f'mg/kg (*ppm*) |
|---|---|
| 1. bromometanu (bromur tal-metil) | 0,1 |
| 2. disulfid tal-karbonju | 0,1 |
| 3. tetraklorur tal-karbonu | 0,1 |
| 4. ċjanur ta' l-idroġenu, ċjanuri espressi bħala ċjanur ta' l-ifroġenu | 15 |
| 5. fosfid ta' l-idroġenu, fosfidi espressi bħala fosfid ta' l-idroġenu | 0,1 |